

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità”

[COM(2016) 818 final — 2016/0411(COD)]

(2017/C 345/21)

Relatur: **Jacek KRAWCZYK**

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 16.2.2017 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 13.2.2017
Bażi legali	Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Infommazzjoni
Adottata fis-sezzjoni	14.6.2017
Adottata fil-plenarja	5.7.2017
Sessjoni tal-plenarja Nru	527
Riżultat tal-votazzjoni	135/1/1
(favur/kontra/astensjonijiet)	

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 (il-proposta) huwa limitat għall-Artikolu 13(3)(b). Din l-emenda, jekk tiġi approvata, għandha tiġi qabel dan il-paragrafu bil-kliem “sakemm ma jkunx previst mod ieħor fi ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni ...”

1.2. Il-Kumitat jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tftitx soluzzjoni għal kunflitt fil-leġislazzjoni bejn l-Artikolu 13(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru (ATA) bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-ftehimiet ta’ kiri bl-ekwipaġġ. It-tneħħija tal-inkonsistenzi u l-limitazzjonijiet fuq ftehimiet ta’ kiri bl-ekwipaġġ li ma jkunux reċiproċi, jew f’dawk li mhumiex previsti fl-ATA u jibqgħu mhux ċari, tillimita l-opportunitajiet għall-kumpaniji tal-ajru tal-UE u tista’ wkoll twassal għal interpretazzjonijiet eċċessivi u diverġenti. Il-Kummissjoni għandha tiegħu bis-serjeta’ t-tħassib li formulazzjoni tat-test mhux adatta tista’ fil-fatt tiddevja mill-intenzjonijiet tal-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-UE u twitti t-triq għal mudelli ta’ negozju ġodda ibridi mhux intenzjonati.

1.3. Minħabba n-natura teknika ħafna tal-proposta, u l-kamp ta’ applikazzjoni limitat tagħha, u fid-dawl ta’ aktar kjarifiki usa’ proposti għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar l-Obbligu ta’ Servizz Pubbliku (OSP) kif ukoll id-dispożizzjonijiet dwar is-sjeda u l-kontroll, l-enfasi fuq din l-emenda speċifika tista’ tidher dubjuża. Madankollu, il-Kummissjoni kienet diġà sseparat il-limitu ta’ żmien tal-arranġamenti ta’ kiri bl-ekwipaġġ fil-Pjan Direzzjonali ta’ Evalwazzjoni⁽¹⁾ tagħha għal skrutinju separat. Barra minn hekk, ċerti aspetti speċifiċi tal-ATA u d-diskussjonijiet twal dwar din il-kwistjoni fil-Kumitat Konġunt tal-ATA (Kumitat Konġunt) ifissru li tkun mistħoqqa riżoluzzjoni speċifika. Fl-aħħar nett, din il-kwistjoni hija ta’ tali natura speċifika li m’għandhiex tiġi ttrattata fl-istess kuntest tal-kwistjonijiet politikament kumplessi bħal, pereżempju, is-sjeda u l-kontroll. L-indirizzar ta’ din l-emenda proposta fuq bażi awtonoma huwa għalhekk ġustifikat. Aħna ninnotaw li l-Kummissjoni ma kkunsidratx li tkun meħtieġa valutazzjoni tal-impatt f’din l-okkażjoni. Madankollu, il-KESE jirrikonoxxi t-tħassib dwar il-proposta li tqajjem mit-trejdjunjins u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħrajn.

⁽¹⁾ Evalwazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi tal-ajru fil-Komunità, datata 21.11.2016 (DG MOVE/Unità E4, ara l-Kapitolu C1).

1.4. Il-KESE huwa preokkupat li, mingħajr aktar kjarifiki dwar is-sentenza introdutturja proposta għall-Artikolu 13(3)(b), in-negozjaturi u possibbilment il-partijiet interessati jistgħu jinterpretaw l-emenda bħala waħda li twitti t-triq biex jitwarrbu r-restrizzjonijiet fuq “ċirkostanzi straordinarji” bħala kwistjoni ta’ politika, u b’hekk tħalli impatt mhux biss fuq in-negozjar inkwistjoni ta’ ftehim ġdid dwar kiri bl-ekwipaġġ mal-Istati Uniti, iżda ma’ kull pajjiż terz ikkonċernat ukoll. Il-KESE huwa fiduċjuż li jekk in-natura restrittiva ħafna tal-emenda ssuġġerita kemm f’termini ta’ kamp ta’ applikazzjoni kif ukoll ta’ sustanza tiġi ċċarata b’mod adatt, il-konsultazzjonijiet inklużivi mal-usa’ firxa possibbli ta’ partijiet interessati, kemm mill-industrija kif ukoll mis-soċjetà ċivili, ser jiżguraw li l-konsegwenzi mhux intenzjonati tal-emenda għall-Artikolu 13(3)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 ikunu jistgħu jiġu evitati u d-diskussjonijiet ikunu limitati għal ftehim ta’ kiri bl-ekwipaġġ bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika. Huwa importanti li l-Kummissjoni, meta tikkonsulta lill-partijiet interessati, tiżgura li jiġu inklużi l-partijiet rilevanti kollha inklużi l-imsieħba soċjali rikonoxxuti u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili.

1.5. Il-KESE qed jistenna bil-ħerqa r-rieżami futur aktar dettaljat li tħabbar għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u jenfasizza l-ħtieġa għal konsultazzjoni inklużiva mal-usa’ firxa possibbli ta’ partijiet interessati, kemm mill-industrija kif ukoll mis-soċjetà ċivili. Il-KESE huwa lest biex b’mod attiv jipromovi dibattitu bħal dan.

1.6. Minħabba n-nuqqas ta’ data affidabbli miż-żewġ naħat dwar l-użu attwali ta’ kiri bl-ekwipaġġ, meta jsiru n-negozjati reali dwar ftehim ta’ kiri bl-ekwipaġġ, iż-żewġ naħat għandhom jitolbu biex kull ftehim ta’ kiri bl-ekwipaġġ ikun reġistrat mal-Kumitat Konġunt għall-finijiet ta’ statistika. Dan ir-reġistru għandu possibbilment jinkludi rekords tal-kundizzjonijiet soċjali biex jiżguraw mhux biss kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati iżda wkoll id-drittijiet tal-vjaġġaturi, li jistgħu jiġu influwenzati.

2. Kuntest regolatorju

2.1. Il-kamp ta’ applikazzjoni tal-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 huwa maħsub biex ikun limitat għall-Artikolu 13(3)(b) u l-ATA. Dan il-paragrafu fil-formulazzjoni attwali tiegħu jstipula li, minbarra li jissodisfa l-istandards ta’ sikurezza kollha ekwivalenti għal dawk imposti mill-Komunità ⁽²⁾, id-dritt ta’ trasportatur Komunitarju li jkri bl-ekwipaġġ inġenju tal-ajru reġistrat f’pajjiż terz huwa limitat għall-issodisfar ta’ ħtiġijiet ta’ kapaċità staġonali ⁽³⁾ jew biex jingħelbu diffikultajiet operattivi ⁽⁴⁾ jew huwa limitat għal sitwazzjonijiet ta’ bżonn eċċezzjonali għal perjodu ta’ seba’ xhur li jista’ jiġġedded għal perjodu ieħor ta’ seba’ xhur ⁽⁵⁾. Din l-emenda, jekk tiġi approvata, għandha tiġi qabel dan il-paragrafu bil-kliem “sakemm ma jkunx previst mod ieħor fi ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni ...”. Il-formulazzjoni proposta għalhekk ma tħalli l-ebda impatt fuq id-drittijiet tal-awtorità tal-liċenzjar, u lanqas ir-rekwiżit essenzjali biex jiġu onorati l-istandards ta’ sigurtà tal-Komunità.

2.2. L-uniku ftehim internazzjonali tal-UE ma’ pajjiż terz rilevanti f’dan il-kuntest huwa l-ATA mal-Istati Uniti. Għandu jiġi ċċarat permezz ta’ Linji Gwida Interpretattivi li l-ħsieb wara l-emenda kif ssuġġerita huwa li tirrimedja l-leġislazzjoni konfliġġenti fl-Artikolu 13(3)(b) u l-ATA. Jekk dan jiġi ċċarat bil-mod propost, allura l-emendi ssuġġeriti jkun rilevanti biss għal ftehim tas-servizzi tal-ajru internazzjonali speċifiku wieħed, u ma jinkludux bidliet bażiċi għall-politika u r-regolamenti li jkopru arranġamenti ta’ kiri bl-ekwipaġġ b’mod ġenerali.

2.3. Kif tirrimarka l-Kummissjoni fil-Memorandum ta’ Spjegazzjoni tagħha dwar il-proposta, l-inizjattiva għandha għan speċifiku ħafna u kamp ta’ applikazzjoni limitat; għaldaqstant il-Kummissjoni tagħmel tajjeb ma tipproponix valutazzjoni tal-impatt. Minħabba t-tħassib dwar il-possibbiltà ta’ interpretazzjonijiet eċċessivi tal-emenda ssuġġerita, u d-diskussjonijiet li jirriżultaw mal-Istati Uniti u possibbilment ma’ pajjiżi terzi oħra fil-perjodu ta’ żmien medju, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li tissostanzja l-proposta tagħha biex ma tinkludix Valutazzjoni tal-Impatt. Għandu jkun ċar għal kollox li l-impatt tal-emenda proposta għar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għandu jirriżulta mill-kontenut tal-ftehimiet kummerċjali ta’ kiri bl-ekwipaġġ bejn il-partijiet, u mhux mit-tibdil leġiżlattiv propost.

⁽²⁾ Artikolu 13(3)(a), Regolament (KE) Nru 1008/2008.

⁽³⁾ Artikolu 13(3)(b)(ii), Regolament (KE) Nru 1008/2008.

⁽⁴⁾ Artikolu 13(3)(b)(iii), Regolament (KE) Nru 1008/2008.

⁽⁵⁾ Artikolu 13 (3)(b)(i), Regolament (KE) Nru 1008/2008.

2.4. Il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment ta' ftehimiet ta' kiri bl-ekwipaġġ mingħajr restrizzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti permezz ta' ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ bejn il-partijiet ⁽⁶⁾ jenfasizza l-isfond għal din il-proposta legiſlattiva, li tallinja l-prinċipji maqbula tat-trasferibilità transkonfinali tal-inġenji tal-ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti u b'hekk tegħleb l-istaġnar fid-diskussjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

2.5. Il-proposta tissodisfa r-rekwiżiti tal-industrija tal-linji tal-ajru tal-Komunità. L-ATA li ġie ffirmat fl-2007 jipprovdi għal reġim miftuħ tal-kiri bl-ekwipaġġ bejn iż-żewġ partijiet. Iż-żmien biex jingħelbu d-diffikultajiet operattivi u jiġu ffaċċjati l-limiti ta' kapaċità staġjonali huwa limitat mit-teknoloġija; il-limitazzjoni ta' żewġ perjodi ta' seba' xhur għal "ħtiġijiet eċċezzjonali" tista' titqies f'kuntast storiku ⁽⁷⁾, iżda tidher arbitrara u ddgħajfef l-opportunitajiet kummerċjali biex l-inġenji tal-ajru jiġu riallokati lil operaturi ġodda b'mod effiċjenti. Peress li l-perjodu għal ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ tipiku huwa ta' 36 xahar, il-limitazzjoni ta' 7 + 7 xhur timponi inċertezzi legali u kummerċjali fuq il-linji tal-ajru tal-UE.

2.6. Il-Kummissjoni ssostni li l-emenda proposta ma għandhiex impatt sinifikanti fuq il-ħtiġijiet tal-forza tax-xogħol. Ġeneralment il-ftehimiet ta' kiri bl-ekwipaġġ huma ta' natura sensittiva ħafna għall-organizzazzjonijiet tax-xogħol. Ir-restrizzjonijiet ta' spejjeż imposti minn linji tal-ajru mhux tal-UE bbażati f'pajjiżi bi standards soċjali baxxi u bażijiet ta' spiża sussegwenti – u anke d-differenzi fil-leġislazzjoni soċjali tal-UE – għamlu l-kiri bl-ekwipaġġ qasam ewlieni soġġett għal monitoraġġ kontinwu mill-imsieħba soċjali. Kieku kellha tinfetax kaxxa ta' Pandora minħabba l-interpretazzjonijiet mhux intenzjonati u infondati ta' din l-emenda, il-kwistjoni ta' kiri bl-ekwipaġġ malar tista' tikber fi kwistjoni ewlenija, minflok li tibqa' "korrezzjoni teknika" ta' leġislazzjoni konfliġġenti. Ir-rekwiżiti tax-xogħol għalhekk ser ikollhom jiġu evalwati fid-dawl ta' żviluppi futuri, kemm fid-diskussjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar ftehim għall-kiri bl-ekwipaġġ taħt il-kappa tal-ATA, kif ukoll fil-prattika tas-suq sussegwenti.

2.7. Billi jirreferi għal ftehimiet internazzjonali, it-test propost tal-emenda jwitti t-triq għal ftehim speċifiku dwar kiri bl-ekwipaġġ bejn l-UE u l-Istati Uniti mingħajr ma b'mod ġenerali jkollhom jergħu jinfetħu n-negozjati tal-ATA. L-alternattiva magħżula mill-Kummissjoni hija għalhekk waħda li se ssolvi dispożizzjonijiet konfliġġenti b'mod immirat, effiċjenti u rapidu, u tistabbiixxi mill-ġdid l-istabbiltà tal-ippjanar għall-partijiet kummerċjali u tevita l-possibbiltà ta' ritaljazzjoni minn partijiet Amerikani. Madankollu, dan jista' jinkiseb biss jekk il-Kummissjoni tiċċara b'mod adatt li din l-emenda hija mfassla biex tippermetti negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika billi ssolvi konflitt fil-leġislazzjoni relatata ma' dak l-uniku pajjiż.

2.8. Il-KESE kkummenta b'mod pożittiv fil-passat dwar l-ATA u l-implimentazzjoni tiegħu. Kif intqal fl-Opinjoni preċedenti tal-KESE, "il-kunċett taż-Żona Miftuħa tal-Avjazzjoni (...) jippermetti l-kiri tal-ekwipaġġ (wet-leasing) tal-inġenji b'kondizzjonijiet mingħajr diskriminazzjoni u li jkun transparenti" ⁽⁸⁾.

3. Valutazzjoni tal-proposta

3.1. Il-Kummissjoni evalwat alternattivi differenti biex tiġi solvuta l-kwistjoni ⁽⁹⁾.

3.1.1. Biex temenda l-ATA eżistenti tiegħu ħafna ħin. Esperjenza passata turi li l-Partijiet għall-ATA qablu li japplikaw l-ATA b'mod proviżorju minn Marzu 2008; id-deċiżjoni tal-Kunsill wara r-ratiffika tal-Parlamenti tal-Istati Membri ttieħdet fl-2016. Ikun sproporzjonat u mhux ġustifikat, fid-dawl tal-opportunitajiet li l-industrija tista' tiflef, jekk din il-proċedura tedjanti tiġi fix-xejn bl-iskop li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tal-kiri bl-ekwipaġġ.

3.1.2. Legalment l-UE ma tistax tagħmel derogi speċifiċi għall-Istati Uniti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE u tal-Istati Uniti fir-rigward ta' kiri bl-ekwipaġġ. L-Istati Membri huma marbutin bid-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-UE.

3.1.3. Ftehim konġunt dwar restrizzjonijiet reċiproċi, għalkemm ċar, imur kontra l-ispirtu tal-Ftehim u jkun ta' ħsara għall-interessi kummerċjali tal-industrija tal-linji tal-ajru.

⁽⁶⁾ Pjan Direzzjonali datat 07/03/2016 DG MOVE/E.1

⁽⁷⁾ Il-limitazzjoni ġiet introdotta fir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 sabiex tiġi evitata l-ambigwiżità tar-Regolamenti (KEE) Nru 2407/92, (KEE) Nru 2408/92 u (KEE) Nru 2409/92 (li r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 ħa posthom) dwar it-tifsira eżatta ta' ħtiġijiet eċċezzjonali.

⁽⁸⁾ ĠU C 306, 16.12.2009, p. 1.

⁽⁹⁾ Il-Pjan Direzzjonali tal-KE dwar l-istabbiliment ta' ftehimiet ta' kiri bl-ekwipaġġ mingħajr restrizzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti permezz ta' ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ bejn il-partijiet, paġna 7.

3.1.4. Is-soluzzjoni ppreferuta, kif enfasizzat ripetutament mill-partijiet interessati, hija ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ bejn l-UE u l-Istati Uniti li jikkonforma bis-sħiħ mal-ATA u ma jikkontradixxi id-dispożizzjonijiet nazzjonali jew tal-UE. Il-kwistjonijiet kollha relatati mad-dettalji ta' tali ftehim ilhom jiġu diskussi minn Jannar 2014. Huwa mistenni li jintlaħaq kunsens b'mod rapidu. Huwa mifhum li tali ftehim tekniku jkun ibbażat fuq id-drittijiet tat-traffiku attwali skont l-ATA u ma joħloqx drittijiet ġodda jew jimmodifika dawk eżistenti. Il-Kummissjoni għandha tiċċara kif xieraq li l-intenzjoni tal-emenda mhijiex li tibdel, timmodifika jew iżżid aktar drittijiet ta' traffiku bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerika. Ftehim bħal dan, madankollu, ikun jirrikjedi emenda tal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, li stabbilixxa limitazzjoni ta' 7 + 7 xhur fuq kirjiet bl-ekwipaġġ għat-trasportaturi tal-UE li jikru bl-ekwipaġġ minn linji tal-ajru mhux tal-UE. It-test maħsub jikkonforma bis-sħiħ mar-rekwiżit biex jirrifletti li l-Artikolu 13 għandu japplika biss sal-punt li l-kundizzjonijiet li jinsabu fil-punt 13(b) ma jkunux stipulati mod ieħor fi ftehim internazzjonali.

3.2. L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni għustament tikkonkludi li l-azzjonijiet proposti huma adegwati, proporzjonati u legalment fattibbli, kif ukoll fl-interess tal-Istati Membri u l-industrija tal-UE mingħajr żvantaġġi għal kwalunkwe parti interessata.

4. Kuntest

4.1. Il-proposta tal-Kummissjoni titratta biss il-kiri bl-ekwipaġġ. Kiri bl-ekwipaġġ normalment ifisser mezz biex jiġu pprovduti kapaċità matul l-egqel staġuni tat-traffiku, u kontrolli intensiv annwali tal-manutenzjoni, u biex jingħelbu d-diffikultajiet operazzjonali *ad hoc* tal-flotta. Il-kiri bl-ekwipaġġ huwa ftehim ta' kiri li fih kumpanija tal-ajru (lokatur) waħda topera t-titjiriet billi tipprovi inġenji tal-ajru u ekwipaġġ lil kumpanija oħra (il-kerrej). L-inġenju tal-ajru jkun operat skont iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru u għalhekk taħt ir-responsabbiltà operazzjonali tal-lokatur.

4.2. Ftehimiet ta' kiri bl-ekwipaġġ jitqiesu mal-industrija kollha bħala ass fil-flessibbiltà operattiva li m'għandux jiġi ristrett b'mod arbitrarju. Flimkien mas-settur tal-linji tal-ajru tal-UE, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, jekk mhux kollha, is-settur tal-linji tal-ajru tal-Istati Uniti u l-amministrazzjoni tal-Istati Uniti jistennew li tissolva l-kwistjoni għall-operazzjonijiet attwali u futuri ta' inġenji tal-ajru mikrija bl-ekwipaġġ fir-relazzjoni bilaterali.

4.3. Il-proposta tal-Kummissjoni ma għandhiex timmodifika l-politiki jew il-prinċipji relatati ma' kiri bl-ekwipaġġ. L-għan tagħha għandu jkun biss li ssolvi kunflitt regolatorju bejn ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u l-ATA.

4.4. Il-KESE jirrakkomanda bil-qawwa li l-Kumitat Konġunt jiġbor statistika dwar il-kiri bl-ekwipaġġ li jsir taħt l-ATA. Dan ir-reġistru għandu possibbilment jinkludi rekords tal-kundizzjonijiet soċjali biex jiżguraw mhux biss kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-impjegati iżda wkoll id-drittijiet tal-vjaġġaturi, li jistgħu jiġu influwenzati.

5. Kummenti speċifiċi

5.1. Il-KESE jaċċetta r-raġunament tal-Kummissjoni biex jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 sabiex jippermetti ftehimiet dwar kiri bl-ekwipaġġ mingħajr restrizzjonijiet fuq bażi reċiproka bejn it-trasportaturi tal-UE u tal-Istati Uniti fuq titjiriet internazzjonali skont l-ATA. Madankollu, il-formulazzjoni tat-test il-ġdida kif proposta ma għandhiex tippermetti – la skont l-ATA u lanqas taħt kwalunkwe ftehim futur ma' pajjiż terz dwar it-traffiku tal-ajru – ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ għal perjodu twil ta' żmien għal raġunijiet għajr dawk inklużi fl-Artikolu 13 tar-Regolament. Il-KESE jaqbel li l-proposta dwar l-ATA hija arranġament aktar flessibbli – fuq bażi reċiproka – għall-kiri bl-ekwipaġġ matul perjodi li tipikament ikunu sa 36 xahar. Tali arranġamenti ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-kundizzjonijiet soċjali. Madankollu, il-KESE huwa mħasseb ħafna jekk l-emenda proposta għar-restrizzjonijiet dwar il-kiri tal-ekwipaġġ kellha tintuża biex jiġu żgurati arranġamenti ta' sottokuntrattar aktar fit-tul biex ikomplu jitnaqqsu l-kundizzjonijiet/id-drittijiet tax-xogħol jew tal-konsumatur. Għalhekk aħna nħeġġu lill-Kummissjoni biex, meta tikkonkludi t-termini tal-ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ ippjanat bejn l-UE u l-Istati Uniti, tinkludi test li jipprojbixxi tali Prattiki. Il-proposta ma għandhiex tiġi interpretata bħala mezz għall-kiri ta' inġenji tal-ajru minn linji tal-ajru, li jistgħu jew deliberatament jew aċċidentalment jevitaw il-legislażzjoni soċjali nazzjonali fit-tul.

Brussell, il-5 ta' Lulju 2017.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Georges DASSIS